IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Deċiżjoni Numru 2399

Kaz Numru 3072/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn

Marzia Bruno

u

Maxxcom (Malta) Limited

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Chairperson : Dr Katrina Borg Cardona

Illum 10 ta' Lulju, 2015

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' l-10 t'Ottubru, 2012, li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-impieg tagħha kien ġie terminat għal raguni mhux gustifikata;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjeta' ntimata li permezz tagħha ġġustifikat it-tkeċċija tar-rikorrenti minħabba nuqqas ta' xoghol (*redundancy*).

Ra l-lista tax-xhieda tas-soċjeta' ntimata.

Sema' x-xhieda dettaljata ta' Gaetano Minardi, direttur tas-soċjeta' ntimata li qal li s-soċjetà ntimata tilfet il-klijenti mportanti kollha u ġiet fl-impossibiltà li tkompli topera, li l-*mother company,* Maxxcom SAS, ukoll sabet ruħha f'diffikultajiet u kellha tittermina l-impieg ta' numru sostanzjali ta' ħaddiema fi ħdan il-grupp Maxxcon u kellha wkoll tgħaddi għax-xoljiment ta' kumpaniji sussidjarji biex issalva u li kienet għal din ir-raguni

li Gaetano Minardi kien informa r-rikorrenti li Maxxcom (Malta) Ltd. ma setgħetx tibqa' topera u għalhekk ma setgħetx izomm lir-rikorrenti fl-impieg wara Awissu 2012 għal raġunijiet ta' *redundancy*. Huwa xehed li qal lir-rikorrenti wkoll li kien lest li jibqa' jħallasha sa l-aħħar ta' Settembru 2012.

Ra wkoll id-dokumenti voluminużi eżibiti minn Gaetano Minardi .

Ra l-affidavit ippreżentat minn Uffiċjal tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ;

Sema' x-xhieda ta' Ivor Lungaro Mifsud, l-*accountant* tas-soċjetà intimata, li xehed illi wara l-falliment tal-Wind Jet ma kienx possibbli li s-soċjetà ntimata tibqa' topera minħabba l-qagħda kritika finanzjarja li kienet tinsab fiha u li kompliet tiggrava wara l-falliment tal-Wind Jet. Xehed ukoll li fis-sena 2012 is-soċjetà ntimata waqqfet topera u wkoll li l-operat baqa' wieqaf minn dak iż-żmien 'l hawn.

Ra l-affidavit u sema' x-xhieda *viva voce* tar-rikorrenti li sostniet li ġiet imkeċċija waqt li kienet tqila għaliex is-soċjeta' ntimata ma riedetx tħallasha għall-*maternity leave*. Hi xehdet ukoll li kawża tat-tkeċċija sofriet konsegwenzi negattivi f'saħħitha kif ukoll f'dik tat-tarbija tagħha.

Ra wkoll id-dokumenti preżentati mir-rikorrenti.

Ra l-affidavit u sema' x-xhieda viva voce ta' Jose Emir Vargas Bucio li qal li meta martu f'Mejju 2012 infurmat lil Gaetano Minardi illi hija kienet tqila dan ma semma xejn dwar *maternity leave* u li in segwitu, f'Awwissu, kien qallha biex issib impjieg ieħor għax il-kumpannija ma setgħetx izzommha fl-impjieg.

Sema' x-xhieda tat-tabib Dr Cecil Vella li xehed illi t-tarbija kienet għaddiet taħt il-kura tiegħu ir-raba' ġurnata wara t-twelid peress illi ppreżentat bid-deni u suffejra u li fil-jumejn li għamlet l-isptar deni ma kellhiex u li in generali t-tarbija kienet tajba u wkoll li s-suffejra kienet fil-fatt *breast milk jaundice* u li t-tarbija ġiet discharged. Xehed ukoll illi

huwa ma seta' jikkummenta xejn dwar l-istat ta' sahha tar-rikorrenti peress illi hu konsulent fid-Dipartiment tal-Pedjatrija u allura r-rikorrenti qatt ma kienet taħt il-kura tiegħu jew tat-tim tiegħu.

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2014, il-każ ġie differit għad-deċiżjoni, b'dan illi l-partijiet ingħataw il-fakultà li jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:-**

Ir-rikorrenti qed tibbaza l-allegat tkeċċija nġusta fuq il-fatt li l-impieg tagħha ġie terminat waqt li kienet tqila u dan allura bi ksur tal-provvedimenti tal-Artiklu 36 (14) tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta.

Dan it-Tribunal jinnota *inter alia* li:

Mix-xhieda u mid-dokumenti eżebiti jirriżulta pruvat illi s-soċjeta' ntimata kif ukoll il-*mother company* sabu ruħhom f'diffikultajiet serji minħabba telf ta' klijenti mportanti tant li kien hemm in-neċessità li jitterminaw l-impieg ta' numru sostanzjali ta' ħaddiema;

Fil-kaz tas-soċjeta' ntimata ġie ppruvat li ma kienx possibli li din tibqa' topera u wkoll li lanqas setgħu jibqgħu joperaw numru ta' kumpaniji sussidjarji tal-*mother company* u dan sabiex jiġi evitat falliment tal-*mother company*.

Ma ġiex ppruvat li x-xogħol tar-rikorrenti beda jitwettaq minn ħaddieħor, jew li dak ir-rwol baqa' meħtieġ mis-soċjetà ntimata jew li r-raġuni tat-terminazzjoni kellha x'taqsam mall-fatt li r-rikorrenti kienet tqila.

Ġie pruvat li s-soċjeta’ ntimata sabet ruħha f’pożizzjoni li ma tistax tibqa’ topera u allura kellha tissensja l-impjegati tagħha kollha u fil-fatt mhux kontestat il-fatt li r-rikorrenti kienet l-aħħar impjegata tas-soċjetà ntimata meta din waqfet topera;

L-Artiklu 36 (14) (d) tal-Kap 452 jipprovdi illi l-fatt li mpjegata tkun tqila mhix “raġuni tajba u biżżejjed” sabiex jiġi terminat impieg. Iżda r-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta’ Maternità (Impjieg) jipprovdi kif ġej:

*(1) Bla ħsara għas-subregolament (2), m’għandux ikun legali għall-prinċipal li jkeċċi mpjegata tqila, mpjegata li tkun għadha kif wildet jew impjegata li qed tradda’, mid-data li fiha l-impjegata tgħarraf lill-prinċipal, permezz ta’ ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrati, bit-tqala tagħha sa tmiem il-leave tal-materinità tagħha u waqt xi perjodu ta’ leave speċjali ta’ maternità, minħabba fil-kundizzjoni tagħha jew għaliex tagħmel użu hi nnifisha jew tipprova tagħmel użu hi nnifisha minn xi drittijiet skont dawn ir-regolamenti.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) huma mingħajr preġudizzju u m’għandhomx japplikaw għal każijiet li jaqgħu taħt l-Artiklu 36(4) u (14) tal-Att.*

Għalhekk, mhux talli l-liġi ma teskludix terminazzjoni ta’ mpjeg għal raġuni ta’ *redundancy* f’kaz li din tinċidi fiż-żmien meta mpjegata tkun tqila, iżda talli l-liġi tipprovdi specifikament li *redundancy* f’perjodu ta’ tqala ta’ mpjegata hi permessa u legali.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti saret għal raġuni ta’ *redundancy* u għalhekk jiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**